# Il-Madonna ta' l-Għar Mellieħa



Raphel Micallef



Ħafna nies li jżuru s-santwarju antik tal-Madonna tal-Mellieħa, aktarx li jmorru jżuru wkoll il-Madonna li hemm fl-għar li jiġi fil-fond taħt l-art. Biex tinżel f'dan l-għar trid tinżel taraġ twil ġmielu. Meta tasal f'dan l-għar, issib fuq pedestall tal-ġebel, statwa ħelwa tal-Madonna bil-Bambin fuq driegħa tax-xellug, waqt li b'idha tal-lemin qisha qiegħda tistieden lid-devoti biex jersqu iżjed lejha.

Minn taħt riġlejn il-Madonna għaddejja nixxiegħa ta' l-ilma, li l-ħoss ħelu tagħha jikser is-skiet li jsaltan f'dan il-post qaddis. Xi nies jieħdu xi ftit minn dan l-ilma bħala devozzjoni.

Żmien ilu f'dan l-għar kien hemm kitba bil-Latin li kienet tgħid hekk: "Ersaq Midneb, ejja ixrob mill-għajn ta' l-Imqaddsa Marija. Mill-qalb sogħbiena tinxtered demgħa." Biż-żmien u minħabba l-umdità din il-kitba tħassret għal kollox.

Dan l-għar tal-Madonna kien ġie mħaffer bil-flus mogħtija minn pittur Sqalli li kien jismu Mario de Vasi. Dan il-pittur kien devot tal-Madonna. Barra x-xogħol li għamel fis-Santwarju ħaseb biex jagħti l-istatwa tal-Madonna li nsibu f'dan l-għar.

Fuq din il-Madonna nsibu dokumentati ċerti għeġubijiet li ma tantx tista' tispjegahom. Jissemmew mirakli ta' fejqan sew fil-ġisem kemm ukoll fir-ruħ.

Fil-bidu t'Awissu 1887, epidemja serja laqtet lill-gżejjer tagħna. Kienet il-marda tal-kolera li kienet tagħmel straġi kull fejn kienet tolqot. Ħafna nies kienu jinżlu jitolbu f'dan l-għar biex il-Verġni Mqaddsa tidħol għalihom fil-periklu li kienu fih.

Fl-arkivji tal-parroċċa jinsabu għadd ta' dikjarazzjonijiet minn saċerdoti, reliġjużi u lajċi li f'dawk ix-xhur tal-kolera u anke wara, jgħidu li raw il-Madonna meqjuma f'dan l-għar iċċaqlaq idha tal-lemin. Se nagħtu ftit minn dawn id-dikjarazzjonijiet:-

Patri Anġ. Portelli O.P. li kien majjistru tan-novizzi ta' San Duminku flimkien ma' Patri Giaċint Grech, P. Rużar Spiteri, P. Alan Agius, P. Lwiġi Dingli, P, Vinċenz Falzon, P. Rafel Meli u l-kjeriku Ġużeppi Muscat niżlu jżuru din il-Madonna nhar it-13 ta' Awissu 1887. Waqt li kienu jitolbu raw id il-Madonna tiċċaqlaq. Din li ġejja hi d-dikjarazzjoni li għamlu, "Aħna li hawn taħt jidher isimna, nistqarru li għamilna żjara lill-Madonna ta' l-Għar, li tinsab il-Mellieħa, u lkoll kemm aħna, fl-istess ħin, rajna b'għajnejna għal ftit ħin sewwa, il-Madonna tħarrek driegħha tal-lemin. Dan iċ-ċaqliq ta' driegħa rajnieh bil-ftit il-ftit u ħelu ħelu tiela' 'l fuq u niżel 'l isfel lejn sidirha".

Il-wegħdi li jsiru lil din il-Madonna, li xi wħud minnhom wieħed jista' jarahom fl-istess għar, huma xhieda tal-fiduċja li ħafna Maltin għandhom fil-Madonna. Tassew jgħodd għall-Madonna l-kliem li hemm fuq l-ark tal-ġebel qadim li hemm aħna u deħlin fil-bitħa quddiem is-Santwarju "Fik ittamaw missirijietna, ittamaw u inti ħlisthom".